<p>2. Vettura ġdida b'erba' roti (magħrufa bħala "Vetturi għal Kull Terren") b'magna li taqbad bi xrara u li taħdem bil-pistuni b'kombustjoni interna, b'saħħa ta' madwar 15 kW, u b'piż xott ta' madwar 310 kg.</p> <p>Il-vettura għandha l-karatteristiċi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — sedil wieħed b'tul ta' madwar 600 mm li jakkomoda sewwieq wieħed biss, — sistema ta' stering tat-tip ta' vettura bil-mutur ibbażata fuq il-prinċipju ta' Ackerman ikkontrollata b'manubriju, — brejkijiet fuq ir-roti ta' quddiem u ta' wara, — klaċċ awtomatiku u ger biex timxi b'lura, — magna ddiżinjata speċifikament għall-użu fuq terren imħarbat u b'kapaċità li f'gerijiet baxxi twassal biżżejjed saħħa lir-roti, — drive xaft li jittrasmetti s-saħħa tal-magna lir-roti ta' wara, — tajers bi profil adegwat għall-użu fl-off-road, — toqba b'taġhmir biex jitwaxxli magħhom diversi apparati ta' coupling, — kapaċità ta' rmunkar ta' madwar 1 170 kg (mingħajr brejk). <p>Id-diversi apparati ta' coupling huma ppreżentati flimkien mal-vettura.</p>	<p>8701 90 90</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2 tal-Kapitolu 87 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8701, 8701 90 u 8701 90 90.</p> <p>Billi din il-vettura hija mġhamra b'toqba b'taġhmir biex jitwaxxli diversi apparati ta' coupling u xaft drive mar-roti, l-użu maħsub tagħha huwa ħidma f'terreni diffiċli u għall-irmunkar jew l-imbuttar ta' vetturi, apparati jew tagħbijiet oħrajn (Nota 2 tal-Kapitolu 87)</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8703 hija eskluża billi l-vettura tissodisfa d-definizzjoni ta' Nota 2 tal-Kapitolu 87 u hija kapaċi li timbotta jew tirmonka minn tal-inqas id-doppju tal-piż xott tagħha (mingħajr brejk). (Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM tal-kodiċijiet NM 8701 90 11 sa 8701 90 90.)</p> <p>Il-klassifikazzjoni bħala trakter agrikolu jew trakter tal-forestrija hija eskluża, billi l-vettura la għandha power take-off, la apparat idrawliku ta' rfiġ u lanqas winċ. (Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM tal-kodiċijiet NM 8701 90 11 sa 8701 90 50.)</p> <p>Għaldaqstant il-vettura għandha tiġi kklassifikata taħt il-Kodiċi NM 8701 90 90.</p>

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1052/2009**tal-5 ta' Novembru 2009****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Makói vöröshagyma jew Makói hagyma (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Ungerija għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Makói vöröshagyma" jew "Makói hagyma" kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 70, 24.3.2009, p. 27.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

L-UNGHERIJA

Makói vöröshagyma jew Makói hagyma (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1053/2009

tal-5 ta' Novembru 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 952/2006 li jipprovdi regoli dettaljati għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-ġestjoni tas-suq intern taz-zokkor u l-iskema tal-kwoti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 40 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-introduzzjoni tas-sistema finali u kompjuterizzata tat-trażmissjoni ta' tagħrif dwar il-prezzijiet taz-zokkor għas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-prezzijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 952/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jipprovdi regoli dettaljati għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-ġestjoni tas-suq intern taz-zokkor u s-sistema tal-kwoti ⁽³⁾, li tikkonsisti fi trasferiment ta' kull xahar ta' dejta dwar il-prezzijiet minn operaturi approvati lill-Istati Membri, segwit minn trasferiment tad-dejta nazżjonali dwar il-medji tal-prezzijiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, huwa xieraq li tiżdied il-frekwenza li biha l-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli jiġi infurmat bil-medja tal-prezzijiet taz-zokkor.

- (2) Għal dan il-għan, għandu jiġi pprovdut li l-Kummissjoni għandha tinforma kull xahar lill-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli bil-prezzijiet medji taz-zokkor abjad mibjugħ fis-suq tal-Komunità. Madanakollu, sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, għandu jkun hemm dewmien ta' tliet xhur qabel ma l-informazzjoni dwar il-prezzijiet tiġi kkomunikata lill-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli.

- (3) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 qed jinbidel b'dan li ġej:

“Kull xahar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli bil-prezz medju taz-zokkor abjad reġistrat waqt it-tielet xahar qabel id-data tal-informazzjoni.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 39.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1054/2009**tal-5 ta' Novembru 2009****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Černá Hora (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mir-Repubblika Ċeka għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Černá Hora", ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 73, 27.3.2009, p. 45.

ANNEX

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

Klassi 2.1. Birra

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Černá Hora (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1055/2009

tal-5 ta' Novembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 951/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 85 u 161(3) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ⁽²⁾ jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-esportazzjoni barra mill-kwota fis-settur taz-zokkor.
- (2) Sabiex ikun żgurat li l-operaturi tal-Komunità jkunu jistgħu jfornu s-swieq tal-esportazzjoni tagħhom biz-zokkor jew bl-isoglukożju barra mill-kwota matul is-sena tas-suq, jeħtieġ li wieħed jiċċara li z-zokkor u l-isoglukożju prodotti skont il-kwota jistgħu jinbiegħu b'mod temporanju bħala produzzjoni barra mill-kwota f'każ fejn dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq. Dan il-mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu japplika wkoll meta l-produtturi taz-zokkor u tal-isoglukożju li jipproduċu skont il-kwota u barra mill-kwota jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti.
- (3) Sabiex ikunu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trattament indaqs tal-operaturi f'kull Stat Membru, huwa xieraq li wieħed jiċċara li z-zokkor u l-isoglukożju barra mill-kwota li jkunu esportati fi ħdan il-limitu kwantitattiv stabbilit għal sena tas-suq partikulari mhux bil-fors iridu jkunu ġew prodotti matul dik is-sena tas-suq stess.
- (4) L-Artikolu 7b(3) tar-Regolament (KE) Nru 951/2006 jipprovdi li l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jitressqu kull ġimgħa, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-data li fiha jidħol fis-seħħ ir-Regolament li jstabbilixxi l-limitu kwantitattiv skont l-Artikolu 12(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ⁽³⁾ (li nbidel bl-Artikolu 61(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) u sa ma l-ħruġ tal-liċenzji jiġi sospiż skont l-Artikolu 7e tar-Regolament (KE) Nru 951/2006. Huwa xieraq li wieħed jiċċara li, meta r-Regolament li jstabbilixxi l-limitu kwantitattiv jibda japplika f'data li tkun differenti minn dik meta jidħol fis-seħħ, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jitressqu mid-data meta dan ir-Regolament jibda japplika.
- (5) L-Artikolu 7b(4) tar-Regolament (KE) Nru 951/2006 jipprovdi li l-applikanti jistgħu jibagħtu applikazzjoni waħda fil-ġimgħa biss. Il-kwantità li tintalab fir-rigward ta' kull liċenzja tal-esportazzjoni ma tistax tkun aktar minn 20 000 tunnellata fil-każ taz-zokkor u 5 000 tunnellata fil-każ tal-isoglukożju. L-esperjenza wriet li l-limitu massimu ta' kull ġimgħa stabbilit għaz-zokkor mhuwieq biżżejjed u li għalhekk huwa xieraq li din il-kwantità tiżdied.
- (6) Skont l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin għaz-zokkor u għall-isoglukożju barra mill-kwota huma validi mid-data attwali tal-ħruġ tagħhom sat-30 ta' Settembru tas-sena tas-suq li għaliha jkunu nħarġu. Il-produtturi li japplikaw għal-liċenzji fi tmiem is-sena tas-suq għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu jesportaw il-prodotti tagħhom. Għal dan il-għan, il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jinbidel u jkun stabbilit fi tmiem il-ħames xahar minn meta jinħarġu. Meta wieħed iqis li dawn id-dispożizzjonijiet qed jiġu ppubblikati wara li bdiet is-sena tas-suq tal-2009/2010, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin matul din is-sena tas-suq.
- (7) Il-miżuri pprovdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 951/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fil-Kapitolu IIa għandhom jiżdiedu l-Artikoli 4d u 4e li ġejjin:

"Artikolu 4d

L-ekwivalenza

Iz-zokkor u l-isoglukożju prodotti skont il-kwota jistgħu jintużaw bħala prodotti ekwivalenti għall-produzzjoni barra mill-kwota. Meta l-produzzjoni skont il-kwota tintuża bħala produzzjoni ekwivalenti għall-produzzjoni barra mill-kwota, din tista' tkun esportata skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 61(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ^(*). Dan il-mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu japplika wkoll meta l-produtturi taz-zokkor u tal-isoglukożju prodotti skont il-kwota u barra mill-kwota jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

Artikolu 4e

Is-sena tal-produzzjoni

Iz-zokkor u l-isoglukożju esportati skont liċenzji maħruġin għal-limitu kwantitattiv imsemmi fl-Artikolu 61(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 jistgħu jiġu prodotti f'sena tas-suq li tkun differenti minn dik li għaliha tapplika l-liċenzja tal-esportazzjoni.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.”.

(2) Fl-Artikolu 7b, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

“3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jitressqu kull ġimgħa, minn nhar ta' Tnejn sa nhar ta' Ġimgħa. Dan għandu jibda jseħħ mid-data li fiha jibda japplika r-Regolament li jistabbilixxi l-limitu kwantitattiv skont l-Artikolu 61(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 sa ma l-ħruġ tal-liċenzji jiġi sospiż skont l-Artikolu 7e ta' dan ir-Regolament.

4. L-applikanti jistgħu jibagħtu biss applikazzjoni waħda fil-ġimgħa għal-liċenzji tal-esportazzjoni. Għal kull liċenzja tal-esportazzjoni, il-kwantità li għaliha tkun tressqet l-applikazzjoni ma tistax taqbeż il-50 000 tunnellata għaz-zokkor u l-5 000 tunnellata għall-isoglukożju.”.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

(3) L-Artikolu 8a għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 8a

Il-validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-esportazzjoni barra mill-kwota

B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin għal-limitu kwantitattiv stabbilit skont l-Artikolu 61(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu jgħoddu kif ġej:

- (a) il-liċenzji maħruġin bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 għandhom jibqgħu jgħoddu sat-30 ta' Settembru 2010;
- (b) il-liċenzji maħruġin mill-1 ta' April 2010 'il quddiem għandhom ikunu jgħoddu mid-data tal-ħruġ tagħhom sa tmiem il-ħames xahar ta' wara dik id-data.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 1 tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1056/2009

tal-5 ta' Novembru 2009

li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

pprovduti bl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (4) Rifużjonijiet tal-esportazzjoni għar-Repubblika Dominikana ġew differenzjati biex jitqiesu d-dazji doganali mnaqqsa applikati fuq l-importazzjonijiet taħt il-kwota tariffarja skont il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana rigward il-protezzjoni fuq l-importazzjoni tal-ħalib tat-trab fir-Repubblika Dominikana ⁽²⁾, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE ⁽³⁾. Minħabba bidla fil-qagħda tas-suq fir-Repubblika Dominikana, ikkaratterizzata minn aktar kompetizzjoni għat-trab tal-ħalib, il-kwota ma għadhiex tintuża għal kollox. Biex jikber kemm jista' jkun l-użu tal-kwota, għandha titħassar id-differenzjazzjoni tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għar-Repubblika Dominikana.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li d-differenza bejn il-prezzijiet tal-prodotti msemmija fil-Parti XVI tal-Anness għar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta minn rifużjoni tal-esportazzjoni.

- (5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu f'fissati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni skont ir-regoli u skont ċerti kriterji pprovduti bl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni provduti bl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjonijiet provduti bl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 ⁽⁴⁾.

Artikolu 2

- (3) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu f'fissati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni skont ir-regoli u skont ċerti kriterji

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 218, 6.8.1998, p. 46.

⁽³⁾ ĠU L 218, 6.8.1998, p. 45.

⁽⁴⁾ ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4.

ANNEX

Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib mis-6 ta' Novembru 2009

Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet	Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet
0401 30 31 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 29 19 9900	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 31 9400	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 29 99 9100	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 31 9700	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 29 99 9500	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 39 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 91 10 9370	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 39 9400	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 91 30 9300	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 39 9700	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 91 99 9000	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 91 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 99 10 9350	L20	EUR/100 kg	4,47
0401 30 99 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0402 99 31 9300	L20	EUR/100 kg	0,00
0401 30 99 9500	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 11 9000	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 10 11 9000	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 13 9200	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 10 19 9000	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 13 9300	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 10 99 9000	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 13 9500	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 11 9200	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 13 9900	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 11 9300	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 33 9400	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 11 9500	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 59 9310	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 11 9900	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 59 9340	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 17 9000	L20	EUR/100 kg	0,00	0403 90 59 9370	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 19 9300	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 21 9120	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 19 9500	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 21 9160	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 19 9900	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 23 9120	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 91 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 23 9130	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 91 9200	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 23 9140	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 91 9350	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 23 9150	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9100	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 81 9100	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9200	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 83 9110	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9300	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 83 9130	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9400	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 83 9150	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9500	L20	EUR/100 kg	0,00	0404 90 83 9170	L20	EUR/100 kg	0,00
0402 21 99 9600	L20	EUR/100 kg	0,00	0405 10 11 9500	L20	EUR/100 kg	14,15
0402 21 99 9700	L20	EUR/100 kg	0,00	0405 10 11 9700	L20	EUR/100 kg	14,50
0402 29 15 9200	L20	EUR/100 kg	0,00				
0402 29 15 9300	L20	EUR/100 kg	0,00				
0402 29 15 9500	L20	EUR/100 kg	0,00				
0402 29 19 9300	L20	EUR/100 kg	0,00				
0402 29 19 9500	L20	EUR/100 kg	0,00				

Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet	Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet
0405 10 19 9500	L20	EUR/100 kg	14,15	0406 30 39 9500	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 10 19 9700	L20	EUR/100 kg	14,50		L40	EUR/100 kg	0,00
0405 10 30 9100	L20	EUR/100 kg	14,15	0406 30 39 9700	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 10 30 9300	L20	EUR/100 kg	14,50		L40	EUR/100 kg	0,00
0405 10 30 9700	L20	EUR/100 kg	14,50	0406 30 39 9930	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 10 50 9500	L20	EUR/100 kg	14,15		L40	EUR/100 kg	0,00
0405 10 50 9700	L20	EUR/100 kg	14,50	0406 30 39 9950	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 10 90 9000	L20	EUR/100 kg	15,03		L40	EUR/100 kg	0,00
0405 20 90 9500	L20	EUR/100 kg	13,26	0406 40 50 9000	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 20 90 9700	L20	EUR/100 kg	13,79		L40	EUR/100 kg	0,00
0405 90 10 9000	L20	EUR/100 kg	17,56	0406 40 90 9000	L04	EUR/100 kg	0,00
0405 90 90 9000	L20	EUR/100 kg	14,50		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 10 20 9640	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 13 9000	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 10 20 9650	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 15 9100	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 10 20 9830	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 17 9100	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 10 20 9850	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 21 9900	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 20 90 9913	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 23 9900	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 20 90 9915	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 25 9900	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 20 90 9917	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 27 9900	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 20 90 9919	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 32 9119	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 30 31 9730	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 35 9190	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 30 31 9930	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 35 9990	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 30 31 9950	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 37 9000	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 61 9000	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00

Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet	Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità ta' kejl	Ammont tar-rifużjonijiet
0406 90 63 9100	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 86 9200	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 63 9900	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 86 9400	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 69 9910	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 86 9900	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 73 9900	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9300	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 75 9900	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9400	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 76 9300	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9951	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 76 9400	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9971	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 76 9500	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9973	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 78 9100	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9974	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 78 9300	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9975	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 79 9900	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 87 9979	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 81 9900	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 88 9300	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 85 9930	L04	EUR/100 kg	0,00	0406 90 88 9500	L04	EUR/100 kg	0,00
	L40	EUR/100 kg	0,00		L40	EUR/100 kg	0,00
0406 90 85 9970	L04	EUR/100 kg	0,00				
	L40	EUR/100 kg	0,00				

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma ddefiniti kif ġej:

L20: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein u l-Istati Uniti tal-Amerika;

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv

(c) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

L04: l-Albanija, il-Bożnja u Herzegovina, is-Serbja, Kosovo (*), il-Montenegro u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

L40: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: L04, Andorra, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kroazja, it-Turkija, l-Awstralja, il-Kanada, in-New Zealand u l-Afrika t'Isfel;

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv;

(c) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1057/2009**tal-5 ta' Novembru 2009****li ma jalloka l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ jipprovdi proċedura għal sejħa permanenti għall-offerti.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti

prodotti agrikoli ⁽³⁾ u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-3 ta' Novembru 2009.

- (3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' sottomissjoni li jintemm fit-3 ta' Novembru 2009, l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni mhi allokata għall-prodotti u għad-destinazzjonijiet imsemija fl-Artikolu 1, punti (a) u (b), u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1058/2009**tal-5 ta' Novembru 2009****li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ jipprovdni stedina permanenti għall-offerti.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jstipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta

għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ⁽³⁾ u wara sħarriġ tal-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-3 ta' Novembru 2009.

- (3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' tressiq li jintemm fit-3 ta' Novembru 2009, ma nġhatat l-ebda rifużjoni għall-prodott u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(c) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.⁽³⁾ ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1059/2009

tal-5 ta' Novembru 2009

li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 162(1)b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li d-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq internazzjonali għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(p) u mniżżla fil-Parti XVI tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan il-Komunità jstgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' esportazzjoni fejn dawn l-oġġetti huma esportati fis-suq ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 fir-rigward tas-sistema tal-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi ffixxat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet ⁽²⁾, jispeċifika l-prodotti li se jkollhom rata ta' rifużjoni ffixxata, li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati f'sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (3) Skont it-tieni paragrafu, is-subparagrafu (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi kkonċernati għandha tiġi ffixxata għal perjodu tal-istess tul bħal dak tar-rifużjonijiet li huma ffixxati għall-istess prodotti esportati mingħajr ma ġew ipproċessati.
- (4) L-Artikolu 162, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li r-rifużjoni tal-esportazzjoni ta' prodott li jinsab f'oġġett ma tistax taqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr aktar proċessar.
- (5) Għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti li mhumiex koperti mill-Anness I tat-Trattat, hemm il-periklu li, jekk ir-rati ta' rifużjoni għoljin ikunu ffixxati bil-quddiem, l-impenji b'rigward għal dawk ir-rifużjonijiet jstgħu jitqiegħdu fil-periklu. Għalhekk, sabiex jiġi evitat dan il-periklu, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni, iżda mingħajr ma tiġi prekluzja l-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-iffissar ta' rati ta' rifużjoni speċifiċi għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet b'rigward ta' dawk il-prodotti għandu jippermetti li jiġu ssodisfatti dawk iż-żewġ għanijiet.
- (6) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jistipula li, meta r-rata tar-rifużjoni tkun iffissata, jitqiesu, fejn xieraq, l-għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli fl-Istati Membri kollha skont ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jew għal prodotti assimilati.
- (7) L-Artikolu 100(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula l-ħlas ta' għajnunata għall-ħalib xkumat prodott fil-Komunità li hu proċessat f'kaseina jekk tali ħalib u l-kaseina prodott minnu jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet.
- (8) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fil-Parti XVI tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fis-sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu ffixxati kif stipulat fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2009.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija

ANNEX

rati ta' rifużjonijiet applikabbli mis-6 ta' Novembru 2009 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-trattat ⁽¹⁾

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' rifużjoni	
		Fil-każ ta' stipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem	Oħrajn
ex 0402 10 19	Ħalib tat-trab, imrammel jew fforom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' hlewriet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx il-1,5 % (PG 2):		
	(a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 3501	—	—
	(b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra	0,00	0,00
ex 0402 21 19	Ħalib tat-trab, imrammel jew fforom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' hlewriet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx is-26 % (PG 3):	0,00	0,00
ex 0405 10	Butir, li għandu piż ta' xaħam ta' 82 % (PG 6):		
	(a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skont il-piż ta' xaħam tal-ħalib	14,84	14,84
	(b) Fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra	14,50	14,50

⁽¹⁾ Ir-rati stipulati f'dan l-Anness ma japplikawx għall-esportazzjonijiet lejn

- (a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-oġġetti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lill-Konfederazzjoni Żvizzera.
- (b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fil-Italia, Heligoland, il-Groenlandja, il-Gżejjer Faroe u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv.
- (ċ) It-territorji Ewropej li relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri u li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.
- (d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT